# Il-Professjoni

## *Skeda 12*

**minn P. Charlò Camilleri, O.Carm.**

Il-Karmelitani Sekulari kollha huma mmexxija mir-Regola għat-Terz'Ordni tal-Karmelu. Madankollu dejjem irridu nżommu f'moħħna li kif stqarr il-Pirjol Ġenerali stess (P. Joseph Chalmers, O.Carm.) fl-ittra tal-Promulgazzjoni, din ir-Regola għandha titqies fuq il-livell tal-Kostituzzjonijiet tar-reliġjużi għax hija mibnija fuq ir-Regola ta' San Albert, li hija r-Regula waħdanija tal-Karmelitani kollha. F'dik li tissejjaħ ir-Regula tat-Terz'Ordni, insibu li tinfetaħ quddiemna l-applikazzjoni tar-Regula ta' San Albert u l-ispirtu tagħha għal żminijietna sabiex ngħixuha bħala Sekulari.

Il-Kodiċi tal-Liġi Kanonika jidentifika t-Terz'Ordnijiet bħala "assoċjazzjonijiet li l-membri tagħhom jgħixu fid-dinja iżda jaqsmu fl-ispirtu ta' xi istitut reliġjuż, taħt id-direzzjoni ġenerali tal-istess istitut, u li jgħixu ħajja appostolika u jistinkaw għall-perfezzjoni Nisranija". Barra minn hekk, ukoll it-Terz'Ordni huwa "għaqda pubblika internazzjonali ta' lajċi mwaqqfa bi privileġġ Appostoliku bil-għan li dawn jaħdmu għall-perfezzjoni Nisranija u li jiddedikaw ruħhom għall-appostolat".

Tajjeb li wieħed jinnota li, minkejja li t-Terz'Ordni Sekulari Karmelitan huwa minnu nnifsu lajkali u mhux klerikali, ir-Regola tgħid li kjerċi djoċesani jistgħu jkunu membri ta' dan it-Terz'Ordni. Barra minn hekk, skont l-Istruzzjoni *Ecclesiae Sponsae Imago* tal-2018 dwar l-*Ordo Virginum*, il-Verġni kkonsagrati wkoll jistgħu jitolbu li jingħaqdu ma' Terz'Ordnijiet Sekulari.

It-twaqqif ta' għaqda pubblika jew assoċjazzjoni, mill-awtorità tal-Knisja tfisser li din tkun irċeviet missjoni speċifika mill-Ispirtu s-Santu fi ħdan il-Knisja, li min-naħa tagħha wara dixxerniment



tapprovaha. Dawk li jfittxu li jissieħbu fit-Terz'Ordni Sekulari Karmelitan iħossuhom ispirati mir-Regola Karmelitana u mill-valuri tal-ispiritwalità Karmelitana. It-Terzjarji "jwieġbu sejħa partikolari minn Alla u jwiegħdu liberament u b'mod deċiżiv" li jgħixu l-Evanġelju "fl-ispirtu tal-Ordni Karmelitan, taħt id-direzzjoni tal-Ordni nnifsu". Għaldaqstant it-Terzjarji huma mitluba li jħarsu r-Regola approvata mis-Santa Sede u jimpenjaw ruħhom li "jgħixu ħajjithom b'fedeltà lejn Kristu" billi jgħixu l-Evanġelju, kollu kemm hu u mingħajr kompromess, fl-ispirtu tal-Karmelu. Il-mistoqsija li tqum hija: Kif jagħmlu dan?

Biex inwieġbu sewwa din il-mistoqsija nirrepetu l-kliem li diġà użajna iktar 'il fuq: "pubblika" u

"deċiżiv". Dan ifisser li b'mod ħieles u b'impenn, it-Terzjarju, minn rajh, jintrabat pubblikament quddiem il-Knisja u l-Ordni Karmelitan li jgħix is-Sejħa Karmelitana bħala Nisrani permezz tal-Professjoni. Minħabba li dan l-impenn huwa pubbliku, allura jintlaqa' mill-Assistent Spiritwali f'isem l-Ordni u l-Knisja. Il-professjoni mhijiex devozzjoni jew wegħda privata bħal ta' gruppi u movimenti oħra. Iżda impenn li appuntu jissejjaħ professjoni. Bħalma kull professjoni oħra fid-dinja tax-xogħol u soċjali tagħti identità, hekk ukoll il-professjoni fit-Terz'Ordni. Għaldaqstant mhux xieraq li wieħed jidħol għaliha jekk ma jkunx jaf l-implikazzjonijiet tagħha spiritwali u prattiċi.

L-Ordni Karmelitan, meta jilqa' lill-professi fi ħdanu "jgħaddilhom l-għana tal-ispiritwalità u t-tradizzjoni Karmelitana, u jgħinhom jieħdu sehem fil-benefiċċji spiritwali u l-opri tajba kollha mwettqa mill-membri kollha tal-familja Karmelitana". Il-Kandidati min-naħa tagħhom jitolbu formalment li jidħlu fit-Terz'Ordni sabiex jagħnu l-Ordni bil-preżenza u l-kariżma tagħhom. Għalhekk id-dħul fit-Terz'Ordni Karmelitan Sekulari, isir wara żmien ta' dixxerniment, u l-ewwel il-kandidati jiġu mitluba jgħaddu żmien ta' formazzjoni spiritwali fi ħdan il-fraternità tagħhom. Dan iż-żmien ta' formazzjoni inizjali ġeneralment idum sena, "li matulha l-kandidati għandhom jistudjaw u jgħixu r-Regola tat-Tielet Ordni. Wara dan il-perjodu ta' formazzjoni inizjali, il-Kunsill tal-komunità tagħhom jista' jilqagħhom għall-professjoni temporanja għal tliet snin, fejn jintrabtu ma' Alla u mal-Ordni permezz tal-professjoni pubblika tar-Regula li fiha jistgħu jipprofessaw il-wegħdiet evanġeliċi. Il-professjoni tat-Terz'Ordni Karmelitan Sekulari hija l-ewwel nett impenn tagħhom li jimxu mar-Regola għat-Terz'Ordni tal-Karmelu. Permezz tal-professjoni tagħhom, li ssir pubblikament u milqugħa mill-Assistent Spiritwali tal-komunità f'isem l-Ordni Karmelitan, huma jsiru membri sħaħ tal-Ordni Karmelitan. Il-Karmelitani Sekulari huma ħielsa li jagħmlu l-professjoni bil-wegħdiet evanġeliċi jew mingħajrhom. Dawn huma "l-wegħdiet tal-ubbidjenza u l-kastità skont l-obbligi tal-istat tagħhom". Għalhekk il-professjoni tal-kunsilli evanġeliċi hija meqjusa legalment bħala professjoni privata, għax mhijiex obbligatorja. Il-Professjoni tal-Wegħdiet issir skont drawwa antika tal-Ordni Karmelitan. Min jagħmel il-professjoni tal-wegħdiet iwiegħed "ubbidjenza lis-superjuri tal-Ordni u lill-Assistent Spiritwali skont l-ispirtu tar-Regola għall-ġid spiritwali tagħhom" u bil-"wegħda tal-kastità, jimpenjaw ruħhom li jgħixu din il-virtù skont l-istat tagħhom fil-ħajja".

Hawn importanti li wieħed jinnota li għalkemm il-Karmelitani Sekulari mhumiex reliġjużi, xorta waħda jagħmlu professjoni pubblika tar-Regola li m'għandhiex tittieħed b'mod ħafif peress li din timplika "wegħda, mhux sempliċi xewqa". Il-professjoni għandha ssir b'mod ħieles. Dan mhux biss ifisser li ħadd ma għandu jġiegħel iżda wkoll li min jipprofessa jkun jaf għal xiex inhu dieħel.

Bħal fil-każ tar-reliġjużi, il-kandidati jagħmlu l-ewwel professjoni skont ir-ritwali proprju tat-Tielet Ordni Sekulari, għal tliet snin u mbagħad, wara l-approvazzjoni tal-kunsill, il-"kandidat jista' jagħmel il-professjoni perpetwa, li torbtu għal dejjem mal-Ordni". Barra minn hekk, ir-Regola għat-Terz'Ordni Sekulari tirrakkomanda li "kull sena, fl-okkażjoni tat-Tifkira Solenni tal-Madonna tal-Karmnu, il-membri tat-Terz'Ordni jġeddu l-professjoni tagħhom b'mod komunitarju jew individwalment".[1]

Il-Professjoni għaldaqstant hija ħaġa serja ħafna u m'għandhiex tittieħed b'mod ħafif. Sabiex ngħinu r-riflessjoni dwar l-impenn tal-Professjoni naraw x'kitbet fid-djarju tagħha t-Terzjarja Madeleine Morice: "Jiena rrid inkun kollni kemm jien tiegħek. Ma rridx ikolli qalb jekk mhux biex tħobbok; ma rridx ikolli ġisem jekk mhux biex jintefaq għalik; ma rrid nagħmel xejn jekk mhux biex naqdik. Lesti ruħek o qalb tiegħi (bil-professjoni) sabiex tħobb lil Alla li hu daqshekk twajjeb u ta' min iħobbu. Lesti ruħek, sabiex taqbad bl-ilsna mħeġġa tan-nar ta' mħabbtu. U inti ġisem tiegħi, lesti ruħek sabiex tkun vittma għalih billi tmut bla ma taqta', għalik innifsek ... Iżda o Alla tiegħi qawwini u tħalli qatt li nonqos mill-professjoni, O Maħbub tal-qaddisin, tħalli qatt li nonqos minn kelmti. Din il-grazzja nitlobhielek għall-merti tal-Imqaddsa Verġni Marija." [2]

*1. Din l-iskeda hija mibnija fuq l-istudju ta' Sharon Bonnici, TOKS, The Carmelite Secular Order as a proper vocation within the Church, MA Thesis, University of Malta, 2021, u wkoll fuq taħdita li s-Sa Bonnici tat din is-sena fil-Kungress għall-Konfraternitajiet u Fratellanzi mniedi mill-Konfraternità tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt Valletta.*
*2. Madeleine Morice, Ècrits spirituels de "la sainte de Porcaro" (1736-1769), Fleche de Feu-7, mitbugħ b'daħla u noti minn Gianfranco Tuveri, Bègrolles en Mauges: Abbaye de Bellefontaine, 2012, 41*